

II

(Atti mhux leġiżlattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (UE) 2015/869

tal-5 ta' Ġunju 2015

li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 208/2014 dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni, entitajiet u korpi fid-dawl tas-sitwazzjoni fl-Ukrajna

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 208/2014 tal-5 ta' Marzu 2014 dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni, entitajiet u korpi fid-dawl tas-sitwazzjoni fl-Ukrajna ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 14(1) tiegħu,

Billi:

- (1) Fil-5 ta' Marzu 2014, il-Kunsill adotta r-Regolament (UE) Nru 208/2014.
- (2) Fil-5 ta' Marzu 2015, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2015/364 ⁽²⁾ li ttiprovdi li l-miżuri restrittivi stabbiliti fid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/119/PESK ⁽³⁾ għandhom japplikaw sas-6 ta' Marzu 2016 fir-rigward ta' erbatax-il persuna, u sas-6 ta' Ġunju 2015 fir-rigward ta' erba' persuni.
- (3) Fil-5 ta' Ġunju 2015, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2015/876 ⁽⁴⁾ li ttiprovdi li fir-rigward ta' waħda minn dawk l-erba' persuni, il-miżuri restrittivi għandhom japplikaw sas-6 ta' Ottubru 2015 u għal żewġ persuni minn dawk il-persuni, il-miżuri restrittivi għandhom japplikaw sa [6 ta' Marzu 2016]. Barra minn hekk, id-dikjarazzjoni tar-raġunijiet marbuta ma' dawk il-persuni għandha tiġi aġġornata.
- (4) Persuna waħda ma għandhiex tibqa' fuq il-lista ta' persuni fiżiċi u ġuridiċi, entitajiet u korpi soġġetti għal miżuri restrittivi fl-Anness I għar-Regolament (UE) Nru 208/2014,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness I għar-Regolament (UE) Nru 208/2014 huwa emendat kif jidher fl-Anness għal dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

⁽¹⁾ ĠUL 66, 6.3.2014, p. 1.

⁽²⁾ Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2015/364 tal- 5 ta' Marzu 2015 li temenda d-Deċiżjoni 2014/119/PESK dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni, entitajiet u korpi fid-dawl tas-sitwazzjoni fl-Ukrajna (ĠU L 62, 6.3.2015, p. 25).

⁽³⁾ Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/119/PESK tal-5 ta' Marzu 2014 dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni, entitajiet u korpi fid-dawl tas-sitwazzjoni fl-Ukrajna (ĠU L 66, 6.3.2014, p. 26).

⁽⁴⁾ Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2015/876 tal-5 ta' Ġunju 2015 li temenda d-Deċiżjoni 2014/119/PESK dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni, entitajiet u korpi fid-dawl tas-sitwazzjoni fl-Ukrajna (ara paġna 30 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali).

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-5 ta' Ġunju 2015.

Għall-Kunsill

Il-President

E. RINKĒVIČS

ANNEX

- 1) Il-persuna elenkata hawn taħt hija mħassra mil-lista li tinsab fl-Anness I għar-Regolament (UE) Nru 208/2014 mis-6 ta' Ġunju 2015:

Entrata Nru 8 — Viktor Viktorovych Yanukovych (Віктор Вікторович Янукович) (iben l-eks President)

- 2) L-entrati għall-persuni li ġejjin li jinsabu fl-Anness I għar-Regolament (UE) Nru 208/2014 huma sostitwiti b'dan li ġej:

4.	Olena Leonidivna Lukash (Олена Леонідівна Лукаш), Elena Leonidovna Lukash (Елена Леонидовна Лукаш)	imwiilda fit-12 ta' Novembru 1976 f'Ribnița (Moldova), eks Ministru tal-Ġustizzja	Persuna soġġetta għal investigazzjoni mill-awtoritajiet Ukreni għall-involviment fil-miżapproprijazzjoni ta' fondi pubbliċi	6.3.2014
10.	Serhii Petrovych Kliuiev (Сергій Петрович Ключев), Serhiy Petrovych Klyuyev	Imwieled fid-19 ta' Awwissu 1969 f'Donetsk, hu s-Sur Andrii Kliuiev, negozjant	Persuna soġġetta għal investigazzjoni mill-awtoritajiet Ukreni għal involviment fil-miżapproprijazzjoni ta' fondi pubbliċi. Persuna assoċjata ma' persuna deżinjata (Andrii Petrovych Kliuiev) soġġetta għal proċedimenti kriminali mill-awtoritajiet Ukreni għall-miżapproprijazzjoni ta' fondi jew assi pubbliċi.	6.3.2014
13.	Dmytro Volodymyrovych Tabachnyk (Дмитро Володимирович Табачник)	Imwieled fit-28 ta' Novembru 1963 fi Kiev, eks Ministru għall-Edukazzjoni u x-Xjenza	Persuna soġġetta għal investigazzjoni mill-awtoritajiet Ukreni għall-involviment fil-miżapproprijazzjoni ta' fondi pubbliċi.	6.3.2014